



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8994/23
ADD 1

COEST 293
POLCOM 80

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Addendum għad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għal protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan li jemenda l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, l-inbejjed u l-ispirti

ADDENDUM għad-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati dwar Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kazakistan dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, l-inbejjed u l-ispirti, li jemenda l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kazakistan.

ADDENDUM

Direttivi ta' negozjar għall-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan dwar il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, inbejjed u spirti, li jemenda l-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan

Objettiv ġenerali

L-objettiv tan-negozjati huwa li jiġi konkluż ftehim dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, kif previst fil-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni ("EPCA"), fil-forma ta' Protokoll li jemenda l-EPCA eżistenti. Il-Protokoll għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel, l-inbejjed u l-ispiriti.

Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, kif previst mill-EPCA, ser ikopru l-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-eliminazzjoni ta' użi ħżiena jew abbużi ta' daww l-indikazzjonijiet.